# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 255/2020**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Joseph CAMILLERI**
**Norman Cilia La Corte**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Novembru 2020 fil-konfront ta' Joseph CAMILLERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 12467M) li ġie mixli talli:

   Fis-7 ta' Marzu 2014 u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur preċedenti fil-Gżejjer Maltin:[1]

   i. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;
   ii. Xjentement għamel użu minn dokument falsifikat;

[1] Ara l-korrezzjoni li saret fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 kif verbalizzat a fol 140.

iii. Sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor f'xi dokument maħsub għall-awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

iv. Għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana:

v. Talli fis-7 ta' Marzu 2014 bil-kompliċita u l-ko operazzjoni ta' xulxin bil-ħsieb filli bil-qerq jinħarbu jew jiġi ittentat li jinħarbu d-dazju u t-taxxa li jkun imiss jitħallas, instab li xjentement warrab jew irtira kontra l-Liġi mill-Malta Post Office, Marsa, pakkett bi ħmistax -il CCTV camera b' valur totali ta' Ewro 436.52, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li jammontaw għal Ewro 21 u Ewro 82 rispettivament fejn liema dazji u taxxa ma ġewx imħalsa u/jew kawtelati.

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi:

vi. Talli fis-7 ta' Marzu 2014 bil-kompliċita' u l-ko-operazzjoni ta' xulxin bil-ħsieb filli bil-qerq jinħarbu jew jiġi ittentat li jinħarbu id-dazju u t-taxxa li jkun imiss jiħallas u/jew li tinħeles xi projibizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew kif ukoll taħt xi Liġi oħra, instab li xjentement warrab jew irtira kontra l-Liġi mill-Malta Post Office Marsa, pakkett bi ħmistax il-CCTV camera b' valur totali ta' Ewro 436.52, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li jammontaw għal Ewro 21 u Ewro 82 rispettivament fejn liema dazji u taxxa ma ġewx imħalsa u/jew kawtelati.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant CAMILLERI ħati tal-ewwel, tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal perjodu ta' erbgħa snin mid-data tas-sentenza kif ukoll multa ta' sitt mitt Ewro (€600) terz ta' liema għandu jiġi kkunsidrat bħala dejn ċivili favur il-Kontrollur tad-Dwana u ddikjaratu mhux ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Kontrollur tad-Dwana tal-oġġetti indikati fin-Nota tal-Qbid (Dok. CG2 a fol. 27 tal-atti proċesswali). B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat qua appellant ġie kkundannat sabiex fi żmien xahar iħallas bejnu u bejn il-ko-imputat La Corte lir-Reġistratur tal-Qorti is-

somma ta’ Ewro 244.68 liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Joseph CAMILLERI appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħoba tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament tirriforma l-istess sentenza billi tbiddel biss il-parti tal-piena billi tapplika waħda aktar miti u ġusta u dan wara li stqarr is-segwenti:

   i. L-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ammettiet bħala prova l-istqarrija tal-esponent meta din ġiet meħudha b’mod irregolari billi fil-kors tat-teħid tal-istess ma ngħatax lill-akkużat il-fakulta li jkun assistit legalment kif kien id-dritt tiegħu.
   ii. Illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-esponent ta’ ebda waħda mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex, tenut kont tal-aggravju miġjub hawn fuq, l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha provi legalment validi u suffiċjenti li a bażi tagħhom setgħat issib ħtija bażi tal-konvinċiment morali tagħha;
   iii. Il-piena erogata fil-konfront tal-esponent kienet eċċessiva u dan minn żewġ aspetti. Rigward il-multa inflitta jidher illi din ġiet ikkalkolata erronjament billi hija kważi d-doppju ta’ dak li legalment kellha tkun (tlett darbiet id-dazju u t-taxxa evaża). Rigward il-piena ta’ priġunerija sospiża, din kienet eċċessiva meta wieħed iqis it-trivjalita tal-każ fejn allegatament kien hemm evażjoni ta’ dazju ta’ Ewro 82 biss u l-ineżistenza ta’ dannu lill-privat jew lis-soċjeta’ in ġenerali u s-sanzjoni tat-telf tal-impjieg tal-esponent u il-preċedenti tal-esponent.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:

---

[2] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**,

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[3]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-

---

1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

8. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

9. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

10. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

11. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

12. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta'

---

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

13. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

14. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

15. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

16. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

17. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

18. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant

anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

19. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

20. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

21. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.
>
> Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'
>
> Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'
>
> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi

> ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

22. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-

Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta’ Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta’ Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f’dak li għandu x’jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B’hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta’ dik il-Qorti ma tkunx “unsafe and unsatisfactory”. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta’ dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

26. Illi nhar is-7 ta’ Marzu 2014 is-sezzjoni tal-Economic Crimes tal-Pulizija rċiviet rapport li ċertu Norman Cilia La Corte kellu joħroġ xi affarijiet mill-Malta Post ġewwa l-Marsa u li dawn l-affarijiet ma kinux sejrin jiġu riflessi f’dak dikjarat fid-dokumentazzjoni relevanti. Il-Pulizija segwew lil Cilia La Corte u dan tal-aħħar ġie mwaqqaf minnhom hekk kif deher ħiereġ mill-uffiċju tal-posta b’kaxxa u b’numru ta’ dokumenti f’idejh. Il-Pulizija flimkien ma’ xi uffiċjali tad-Dwana fetħu din il-kaxxa u sabu li filwaqt li fuq id-dokumenti in kwistjoni kien ġie indikat li l-kontenut ta’ dik il-kaxxa kienu ‘dokumenti b’intrinsic value’, effettivament ġewwa dik il-kaxxa nstabu ħmistax - il CCTV Camera li kienu waslu miċ-Cina.

27. Illi l-Pulizija rriżultalhom li dak id-dokument li kien qiegħed jindika ħaġa b'oħra kien ġie ppreparat minn CAMILLERI liema dokument kien fih firma ta' uffiċjal tal-posta li dakinhar ma kinetx xogħol, ċerta Marisa Vassallo. Il-Pulizija għamlu wkoll tfittxija fuq l-iskrivanija fl-uffiċju ta' CAMILLERI u hemmhekk sabu biċċiet ta' karti li kienu nġabru u reġgħu ġew magħqudin flimkien minn CAMILLERI u minn filmat tac-CCTV meħud minn ġewwa l-uffiċju postali l-istess kien deher li kien qiegħed jikteb xi ħaġa. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li dak li kien deher jikteb ripetutament Joe CAMILLERI fuq dawk il-biċċiet ta' karti kienu inizjali tal-isem li l-kollega tiegħu Marisa Vassallo kienet tuża' sabiex tiffirma u tirrilaxxja l-pakketti minn ġewwa l-Malta Post Office. Il-Pulizija pprosegwiet bl-arrest ta' Cilia La Corte u tal-appellant CAMILLERI u sussegwentement it-tnejn li huma tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixlija fost reati oħra, bl-użu xjenti ta' dokumentazzjoni falza u talli għamlu dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika.

## Ikkunsidrat

28. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa imsejjes fuq l-ilment tal-inammissibilita' tal-istqarrija bil-miktub meħuda lill-appellant CAMILLERI meta dan ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mument tal-interrogazzjoni magħmula mill-Pulizija nhar is-7 ta' Marzu 2014.

29. Fid-data ta' meta ġiet irrilaxxjata din l-istqarrija, l-Att LI tas-sena 2016 ma kienx għadu daħal fis-seħħ u għalhekk l-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali, li jinkludi fost oħrajn id-dritt tal-assistenza legali fil-mument tat-teħid tal-istqarrija, ma kienx għadu daħal fil-qafas leġislattiv Malti. Biss, l-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att III tas-sena 2002 u li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali numru 35 fis-sena 2010 (preċiżament fl-10 ta' Frar 2010) kienu diġa integrati fil-Liġi Maltija.

30. Dan l-isfond jippreżenta xenarju differenti minn dak li kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Att III tas-sena 2002 bl-Avviż Legali numru 35 fis-sena 2010 tal-10 ta' Frar 2010 fejn qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-emendi suspettat ma kellu l-ebda dritt għall-assistenza minn avukat tal-fiduċja tiegħu rikonoxxut mil-Liġi

qabel huwa kien ikun interrogat mill-Pulizija fuq suspett li l-istess ikun ġie suspettat li wettaq xi reat kriminali.

31. Ix-xenarju legali f'dan il-każ kien tali li l-appellant CAMILLERI kellu d-dritt, fost oħrajn, li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu kemm wiċċ imb'wiċċ inkella permezz tat-telefon, qabel ma jsirlu l-interrogatorju. U f'dan ir-rigward jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju, 2017 (fol. 74) li l-appellant CAMILLERI **użufruwixxa mid-dritt tiegħu għall-assistenza legali qabel ma ttieħditlu l-istqarrija hekk kif iddikjarat l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Doriette Cuschieri.**

32. Huwa minnu li l-Liġi kif emendata mill-10 ta' Frar 2010 il-quddiem ma kinitx testendi għall-preżenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni; iżda kienet tagħti d-dritt lill-persuna suspettata li tikkonsulta ma' dak l-avukat tal-għażla tagħha għal massimu ta' siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni tagħha. B'hekk is-suspettat setgħa b'hekk jersaq għall-interrogazzjoni mill-Pulizija b'mod ippreparat; u żgur mhux bħal qabel fejn f'ċerti każijiet setgħa jingħad ġustament li s-suspettat kien setgħa ma jkunx jaf bil-konsegwenzi legali kemm jekk jagħżel li twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilu u kemm jekk jibqa' sieket.

33. Iżda minkejja dan, pronunzjamenti iżjed riċenti, mhux biss tal-Qorti Kostituzzjonali iżda wkoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) qegħdin jieħdu l-posizzjoni iżjed kawta u prudenti fir-rigward ta' tali stqarrijiet. Hekk allura fl-appell kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-22 ta' Ġunju 2022 dik il-Qorti kellha sitwazzjoni fejn lura fit-12 ta' Frar 2015 l-akkużat Xerri kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija wara li kien arrestat u interrogat mingħajr ma kellu l-jedd li jkollu l-avukat tiegħu preżenti miegħu biex jiddefendih. L-akkużat ilmenta mill-fatt li dik l-istqarrija tiegħu setgħet tittieħed bi prova fil-kawża kontra tiegħu. Kien ukoll għalhekk li interpona l-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri). Dik il-Qorti qalet hekk:

> A. Inammissibbilita' tal-istqarrija
>
> B. 10. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni miġjuba 'il quddiem mill-akkużat, appellant f'dawn il-proċeduri:
>
> > "15. L-esklużjoni tad-dritt tal-assistenza legali konsistenti fin-nuqqas talpreżenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx b'mod awtomatiku li dik

l-istqarrija tkun inammissibbli u allura tkun nieqsa minn kull valur probatorju. Lanqas ma jkun allura jfisser li kull referenza li tista' issir għal dik l-istqarrija fil-proċeduri penali tkun tissarraf potenzjalment fi ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq taħt Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-insenjament ġurisprudenzjali f'dan ir-rigward hekk kif riassunt aktar il-fuq jeżiġi biss li fit-teħid ta' din id-deċiżjoni l-Qorti tqis jekk il-proċedura adoperata, b'mod globali u meta titqies il-proċedura fl-interezza kollha tagħha, tkunx ritenibbli waħda ġusta.

16. Issa, dan il-każ ma kienx jitratta xi persuna li kienet vulnerabbli minħabba li minorenni jew partikolarment żvantaġġjata jew novella għal proċeduri polizjeski jew kriminali. Saż-żmien tat-teħid ta' din l-istqarrija, jiġifieri sassena 2015, XERRI kien diġa xellef idejh mal-ġustizzja diversi drabi u kellu fedina penali li turi li kien ukoll plurireċediv, inkluż f'reati assoċjati malabbuż mid-droga cannabis.

17. In oltre fiż-żmien tat-teħid ta' din l-istqarrija huwa kellu tlieta u ħamsin sena. Din il-Qorti tqis ukoll li fl-ebda mument waqt il-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu huwa ma kkontesta l-valur probatorju ta' din l-istqarrija minnu rrilaxxjata jew attakka l-mod ta' kif din ittieħdet. Jirriżulta li ġie mwissi wkoll bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket waqt l-interrogazzjoni u ntqal lilu wkoll li jekk jagħżel li jwieġeb, dak kollu li jgħid jista' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Lanqas ma jirriżulta li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija kellu bżonn xi assistenza parikolari bħalma hi assistenza medika u ma ngħatax jew li ma kienx qiegħed jifhem il-portata ta' dak li kien qiegħed jistqarr. Ma jirriżultax ukoll li kellu xi impediment - mentali jew fiżiku jew ta' xorta oħra - li f'dak li mument irrendieh vulnerabbli.

18. Wara kollox, kif diġa ngħad qabel, huwa użufruwixxa mid-dritt ta' assistenza legali li kien viġenti dak iż-żmien li ttieħditlu l-istqarrija u deher jifhem dak li kien qiegħed isir fil-mument tat-teħid tal-istqarrija. Din żgur li ma kienetx l-ewwel stqarrija li tteħditlu hekk kif diġa ntqal li kien diġa xellef difrejh qabel diversi drabi mal-ġustizzja. Addirittura għażel li jiffirma dik lisqarrija minnu rrilaxxjata. Lanqas ma jirriżulta li f'xi ħin waqt l-iter proċesswali l-akkużat ikkontenda li hu jew l-avukat tiegħu ma kinux mgħarrfa bin-natura tar-reati li fir-rigward tagħhom kienet teħtieġ li ttieħed listqarrija tiegħu jew li ma kinux konsapevoli tal-provi li l-Pulizija kellhom f'idejhom b'rabta mal-allegat involviment tiegħu f'dan il-każ. Apparti minn hekk matul il-proċeduri jirriżulta li l-akkużat kien debitament assistit."

11. Illi l-appellant ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-iżvilupp li kien hemm fil-liġi fejn illum persuna suspettata għandha id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija seħħ sabiex tkun sanata sitwazzjoni fejn ikun hemm il-periklu ta' leżjoni għad-dritt ta' smigħ xieraq. Dan ifisser, fil-fehma tad-difiża, illi sitwazzjoni fejn dan il-jedd ma jingħatax isarraf awtomatikament f'tali leżjoni.

12. Din il-Qorti fis-sentenzi tagħha kienet ħadet il-linja bħal dik meħuda mill-Qorti Kriminali, illi ma huwiex fil-manzjoni riposti f'idejha bil-liġi illi tistħarreġ jekk prova li saret skont il-liġi għandiex tiġi imwarrba għaliex potenzjalment jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna akkużata. Din il-Qorti tibqa' tal-fehma illi firrigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi f'dawn il-każijiet li lQorti qed issib f'ħoġorha li jittrattaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati millpersuna

akkużata li ma kellhiex avukat preżenti magħha waqt it-teħid ta' dik listqarrija, hija qed tiġi imsejħa tqies l-ilment mill-ottika ta' dritt kostituzzjonali iktar milli fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju penali. Dan għaliex mhux qed tiġi invokata ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet fejn allura jiġi mfittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali.

13. Illi kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali, il-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fis-snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fissena 2015, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid talistqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużat kien interrogat. Illi fiż-żmien meta ġiet rilaxxata l-istqarrija millappellant kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju millpulizija. Huwa paċifiku illi dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellant użufruwixxa minnu, biex b'hekk l-istqarrija sussegwentement rilaxxata, hija in konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex "il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bittelefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu." Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward talistqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Flistqarrija tiegħu, għalkemm l-appellant jammetti illi ġieli għamel użu mid-droga, madanakollu jiċħad illi qatt ittraffika l-istess. Illi fil-fatt il-pulizija waslu għal persuna tal-akkużat, appellant f'dawn il-proċeduri, wara informazzjoni mogħtija minn ċertu Carlos Javier Nano Morales, persuna ta' nazzjonalita Spanjola, li kien imwaqqaf millpulizija fil-pussess ta' droga cannabis grass fejn dan stqarr illi kien ser jikkonsenja din iddroga lill-appellant. Morales jistqarr mal-pulizija meta interrogat li kien ilu jissupplixxi lill-appellant bid-droga għal sentejn, fl-ammont ta' 500 gramma kull ħmistax-il ġurnata. L-appellant, iżda meta interrogat jiċħad dan kollu.

14. Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar iljedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, billiġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema

stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ Philippe Beuze vs il-Belġju (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u Farrugia vs Malta illi xi ftit jew wisq tbiegħdu millinsenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' Salduz u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.

15. Illi għalkemm il-QEDB esponiet dan l-insenjament "ġdid" fir-rigward ta' din ilprova, fejn allura hemm imfisser illi qabel ma jintemm il-proċess ġudizzjarju jkun impossibbli li jiġi determinat jekk tkunx seħħet leżjoni tad-drittijiet fondamentali talpersuna akkużata, u għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali qiegħda issegwi dan linsenjament, madanakollu imbagħad qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-Qorti Kriminali għamlet esposizzjoni erudita ta' dawn is-sentenzi.

16. Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti kienet u tibqa' tal-fehma illi f'dan listadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik lassistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ta' assistenza legali waqt linterrogatorrju innifsu, ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

17. Illi għalkemm din l-Qorti tikkondividi l-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali fissentenza appellata, madanakollu hija tal-fehma illi illum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li d-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti jkunu konsoni maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom sub iudice. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa

fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. Il-Qorti hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt linterrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[1] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti

---

1 Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat

d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata taddrittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm, kif ingħad, il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[2]

> **11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha.**
>
> **.....**
>
> **15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 talKostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin millistess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għallkonklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...**

2 QK – Christopher Bartolo vs l-Avukat ta'l-Istat – deċiża 26/04/2022

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

> **Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li lappellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa lbiżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;**

18. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata millQorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-akkużat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment. Għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jiġi milqugħ b'dan illi tidderiġi lil Qorti Kriminali sabiex fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jsirx użu mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant lura fit-12 ta' Frar 2015.

34. Din il-Qorti, fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi tqis li għandha wkoll tallinea ruħha ma' din il-posizzjoni li illum qegħda titqies bħala konsolidata. L-istqarrija tal-appellant rilaxxjata lill-Pulizija fi żmien fejn ma setgħax ikollu l-Avukat tiegħu miegħu matul l-interrogazzjoni għalhekk mhux sejjer isir użu minnha għall-fini tad-determinazzjoni tal-każ.

35. **Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara li fid-dawl tal-iżviluppi li qegħdin iseħħu f'dan il-kamp, il-Qorti ma għandhiex tagħmel użu mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant meta din ġiet rilaxxjata fi żmien fejn l-appellant suspettat ma kellux il-possibilita li jkollu l-Avukat preżenti miegħu waqt l-interrogazzjoni.**

36. Illi kwantu għat-tieni aggravju, l-appellant jisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellant in kwantu (apparti mil-istqarrija tiegħu) dik il-Qorti ma kellhiex quddiemha provi legalment validi u biżżejjed li in bażi tagħhom setgħet issib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Dan l-aggravju għalhekk jeħtieġ lil din il-Qorti tqis jekk, in bażi għall-provi l-oħra li kienu ammissibbli u disponibbli għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienux biżżejjed biex iwasluha, legalment u raġonevolment għall-konklużjoni li ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet li tagħhom ġie misjub ħati.[10]

37. Mix-xhieda tal-ex Spettur tal-Pulizija Daniel Zammit f'paġna 22 tal-atti proċesswali jirriżulta kif fuq l-iskrivanija tal-appellant CAMILLERI instabu biċċiet tal-karti li fuqhom kien hemm il-firma tal-uffiċjal tad-Dwana Marisa Vassallo bħala li kienet awtorizzat il-ħruġ ta' dak il-pakkett liema pakkett kien ġie ddikjarat li kien fih 'intrinsic value documents' u li sussegwentement dan il-pakkett inġabar minn Norman Cilia La Corte mill-Malta Post parcel post office. L-appellant kien adett fl-uffiċju tal-parcel post tal-Malta Post mnejn inħareġ dan il-pakkett u ġie konsenjat lil Norman Cilia La Corte fil-ħin li l-uffiċjali tad-Dwana ma kienux preżenti fl-istess uffiċju.

38. Fil-fatt dakinhar tas-7 ta' Marzu 2014 fil-mument li nħareġ il-pakkett mill-Malta Post, Marisa Vassallo ma kienitx qiegħda fl-uffiċju tal-Maltapost u għalhekk ma setgħetx kienet hi li ffirmat dak id-dokument qabel ġie konsenjat lil Cilia La Corte. F'paġna 29 tax-xhieda tagħha Vassallo tgħid hekk:

> Pros: Fuq ir-rapport ta' dan il-pakkett li qed tgħidli inti f'hiex kont involuta fih?
> Xhud: Iffalsifikawli l-firma dak il-ħin kont break qas kont qiegħda l-uffiċju jien.
> .../....
> Pros: Issa f'dan ir-rapport x'kien ġara eżatt? X'kien il-pakkett?
> Xhud: Kien ġie Spettur jew Pulizija u ta' fuqi u qaluli dan inti ħriġtu dan il-pakkett? U jiena mill-ewwel għaraftha li l-firma mhux tiegħi. Dak il-ħin tippanikja uh trawma kbira u mbagħad inqabad bil-camera jiffalsika l-firma tiegħi u ġbarnieha mid-dustbin u għaqqadthom.
> Pros: Meta qed tgħid inqabad mill-camera min inqabad bil-camera u jagħmel xiex?

---

[10] L-istqarrija ta' Normal Cilia La Corte ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni f'dan il-każ ta' Joseph Camilleri.

Xhud: Jiffalsifikali l-firma Mr. Camilleri.

39. Illi dan l-inkartament li qiegħda tirreferi għalih ix-xhud Vassallo meta ssemmi kif fuq il-biċċiet tal-karti miġbura mid-dustbin instabet il-firma tagħha huma esebiti f'paġna 70 et seq tal-atti proċesswali bħala Dok VF 1 u li juru dawk l-inizjali kif xehdet ix-xhud, li pero ma kienux tagħha.

40. Apparti dan il-filmat u l-istills tal-filmat eżebit bħala Dok VF 2 u mgħoddi lill-Pulizija mix-xhud Vince Farrugia f'paġna 68 u liema stills jinsabu esebiti f'paġna 82 et seq tal-atti proċesswali, isaħħu l-verżjoni ta' Vassallo in kwantu l-appellant jidher qiegħed jikteb fuq karta u jagħmel ċerti movimenti li huma in linea ma dak li xehdet Vassallo ftit tal-ħin qabel ma l-pakkett inġabar minn Cilia La Corte u fil-mumenti fejn Vassallo ikkonfermat li kienet qegħda barra fuq break.

41. F'paġni 117 u 118 tal-atti proċesswali l-Ispettur Doriette Cuschieri eżebiet l-**EMS** ossija d-dokument li jkun imwaħħal mal-pakkett meta dan jinħareġ mill-posta kif ukoll n-"**notice of arrival**" li turi kemm il-firma iffalsifikata kif intqal, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-kontenut bħala "**intrinsic value**". F'paġna 121 tax-xhieda tagħha Marisa Vassallo reġgħet ikkonfermat kif il-firma fuq in-"**notice of arrival**" (Dok. GZ2) eżebit f'paġna 118 ma kienetx tagħha, kif ma kienetx tagħha lanqas il-firma fuq Dok. VF1 li jinsab a fol 70.

42. F'paġna 126 tal-atti proċesswali ġiet eżebita wkoll il-prova inkonfutabbli li dak il-pakkett kien jikkontjeni ħmistax -il CCTV camera kif konfermat fuq il-**commercial invoice** eżebita bħala Dok CS1.

43. Inoltre, mix-xiehda ta' Charles Sammut a fol 35 jirriżulta li huwa, bħala Fizjal tad-Dwana kien għadu kif daħal mill-break meta pulizija pajżan mar fuqu u staqsieh għal pakkett partikolari. Sammut mar ifitxu fejn ipoġġu normalment il-pakki li jiġu riċevuti u mqasmin lin-nies u dak il-pakk li talbu l-Pulizija ma sabux. Charles Sammut iżda lemaħ li kien hemm dokument relattiv li fuqu kien hemm firma li kienet **tixbaħ** lil dik tal-kollega tiegħu Marisa Vassallo. Meta kkonfronta lil Vassallo b'dak id-dokument, hija mill-ewwel wieġbitu li ma kienetx taf bih u li dak id-dokument qatt ma kienet ratu qabel. Imbagħad Sammut jikkonferma wkoll li wara sar jaf li dak il-pakk kien inġabar minn barra minn persuna u li dan

anke inħarġitlu n-"notice of arrival" li normalment iżommu tad-Dwana.

44. Ix-xhud Charles Sammut imbagħad jikkonferma li huwa l-pakk raħ **wara** meta kellu aċċess għas-CCTV recording tal-inċident. Imbagħad jgħid li kien ra wkoll lil persuna li lilha kien indirizzat dak il-pakk u dan sar fil-preżenza tal-Pulizija. Il-pakk imbagħad infetaħ **fil-preżenza ta' kulħadd fl-uffiċju tal-Posta** fejn jaħdem dan ix-xhud.

45. Charles Sammut jgħid li telgħu fuq flimkien mac-Chief Security Officer u l-Administrator tal-Posta u analizzaw is-CCTV footage relattiv. Minn dan il-footage, ix-xhud jikkonferma **li huwa ra b'għajnejh** lill-"impjegat tal-posta" – wara identifikat minnu bħala Joseph Camilleri – jidher li kien qiegħed jagħmel xi firem simili għal dawk tal-Uffiċjal Marisa Vassallo. Dan huwa setgħa jasal għalih wara li minn fuq is-CCTV's ra lill-appellant jarmi lil dawk il-karti li kien qed jikteb fuqhom u li huwa qattagħhom u tefagħhom fid-dustbin. Huwa flimkien mal-Uffiċjali l-oħra li kien magħhom jaraw is-CCTV, niżlu isfel u mid-dustbin - biswit fejn kien qiegħed jidher l-appellant ftit qabel minn fuq is-CCTV qiegħed jikteb fuq dawk il-karti – ix-xhud jgħid li ġabar minn dak l-istess dustbin dawk il-karti li l-appellant kien qatta u tefa' fid-dustbin. Jgħid li dawk il-karti għaqduhom flimkien għax kienu mqattgħin u sabu wkoll kampjuni oħra tal-istess "notice of arrival" li fuqhom kien hemm firem li kienu jixbħu lil dik ta' Marisa Vassallo.

46. F'paġna 123 tax-xiehda tiegħu ix-xhud Sammut jgħid li kien f'qagħda jikkonferma n-"notice of arrival" eżebita bħala dok GZ2. Huwa ġie wkoll muri d-dokument a fol 70 u kkonferma li dak kien id-dokument imqatta' li huwa kien ra lill-appellant jarmi fid-dustbin minn fejn, imbagħad kien ġie elevat kif spjega iżjed il-fuq. Ix-xhud eżebixxa wkoll kopja tal-irċevuta, tan-"notice of arrival" u tar-rata tal-iskambju uffiċjali użata mid-Dwana fil-konteġġi tagħhom a fol 158 et seq.

47. Li l-appellant kien jaħdem bħala pustier mal-Maltapost ġie konfermat mix-xiehda ta' Stephania Camilleri a fol 55. Huwa kien jaħdem il-Parcel Post, fuq il-counter, u meta jiġu l-klijenti bl-avviżi (in-"notice of arrival") dawn jagħtuhom lilu, u mbagħad l-appellant kien iġibilhom il-pakki u jagħmlilhom il-karti **biex jekk ikun hemm xi dazju li jkun irid jitħallas, dawn ikunu jistgħu jippreżentaw dawn il-karti prodotti minnu għall-ħlas tad-dwana**. Din ix-xhud

tgħid, a fol 56, li kienu inħarġu charges dixxiplinari kontra l-appellant li minn naħa tiegħu ma kkontestahomx. Imbagħad l-appellant ġie mwaqqaf mix-xogħol tiegħu fit-18 ta' Settembru 2014.

48. Camilleri tikkonferma wkoll li fil-Posta fejn seħħ dan il-każ kien hemm sistema ta' CCTV li kien jinżamm għall-finijiet ta' sigurta. **<u>Hija tgħid li rat il-footage li kien jinvolvi dan il-każ</u>** u x-xhud tgħid li hija rat, sa fejn setgħet tiftakar, lill-appellant kien qiegħed ibagħabas l-avviz ("notice of arrival"), jipprova xi firem fuq biċċa karta, jarmiha fid-dustbin u jħażżeż fuq dak l-avviż li suppost kellu jmur bih il-klijent. Hi tgħid li fil-fatt il-klijent ma kienx mar il-Posta bl-avviż biex jiġbor il-pakkett. L-appellant kien qiegħed jidher jagħmel xi ħaġa hu fuq dak l-avviż. Imbagħad dak is-CCTV footage għaddewh lil-Pulizija.

49. A fol 66, mix-xiehda ta' Vince Farrugia, Head of Security jirriżulta li huwa għaraf lill-appellant bħala impjegat tal-Maltapost. Farrugia ġie mitlub mill-ispettur Daniel Zammit u mis-Senior Officer Sammut, tad-Dwana biex jaraw is-CCTV footage. Jgħid li flimkien magħhom huma raw dak is-CCTV footage li fih l-appellant deher jikteb fuq xi karti u xi karti ġew imqattgħin u mitfugħa fid-dustbin. Wara li raw dawk l-affarijiet huma niżlu fil-parcel office u sabu dawk il-karti li kienu mqattgħin. Ix-xhud eżebixxa dawk il-karti mqattgħin a fol 70 u li ġew markati bħala VF1. Ix-xhud eżebixxa wkoll kopja tas-CCTV footage relattiv.

50. Sadattant il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħatret lil Anthony Spiteri bħala espert sabiex janalizza l-kopja tas-CCTV eżebita u sabiex joħroġ stills li juru l-partijiet l-iżjed rilevanti għal dan il-każ mill-filmat eżebit. Din ir-relazzjoni ġiet eżebita a fol 77 bħala Dok AS1. Analiżi ta' dan il-filmat u l-istills juru lill-persuna li ġiet identifikata bħala l-appellant tagħmel l-azzjonijiet deskritti mix-xiehda preċedentement.

51. Mhux kontestat li f'dan il-każ, is-CCTV footage kien evidenza importanti ħafna li wriet l-azzjoni li għamel l-appellant in konnessjoni mal-firem involuti u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni rispettiva. Dak li Charles Sammut, Vincent Farrugia u Stephanie Camilleri xehdu li raw lill-appellant jagħmel minn fuq is-CCTV footage jista' jitqies bħala evidenza ammissibbli fi proċeduri kriminali. Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Anglo-sassoni, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija

msejsa, il-**Blackstone's Criminal Practice 2019** għandu dan x'jgħallem:

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74. [11]

52. L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu jammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali:

> just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225[12]

53. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi allura li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq ix-xiehda tal-Uffiċjali imsemmija fir-rigward ta' dak li huma raw lill-appellant jagħmel minn fuq il-video recording li ġew murija. Dan ifisser li allura dawn l-Uffiċjali setgħu jixhdu dwar dak li huma kienu raw fuq dak ir-recording daqslikieku kienu huma stess xhieda tal-event li seħħ, b'"direct view of the action".

54. Illi il-fatt li dan il-pakk imbagħad spiċċa li għadda għand il-ko-imputat Normal Cilia La Corte jirriżulta mix-xiehda kemm tal-Ispettur

[11] Oxford University Press, 2018, para F8.62, paġna 2652.
[12] Oxford University Press, 2018, para F16.11, paġna 2793.

tal-Pulizija Daniel Zammit kif ukoll mix-xiehda ta' Charles Sammut u Stephanie Camilleri. Jirriżulta wkoll li għal dan il-pakk ma kienx tħallas dazju kemm suppost minn Cilia La Corte.

55. Mingħajr l-istqarrija tal-appellant, ma jirriżultawx id-dettalji tal-ftehim li kien hemm bejn Cilia La Corte u l-appellant. Iżda li bejniethom kien hemm ftehim preċedenti dwar x'kellu jsir, meta kellu jsir, minn fejn kellu jsir u fi x'ħin kellu jinġabar il-pakk jirriżulta deżunt mill-assjem tal-provi prodotti. Il-modalita ta' kif żvolġew il-fatti fihom infushom, ossija ċ-ċirkostanzi tal-każ kif żviluppaw kienu jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien hemm xi forma ta' ftehim preċedenti milħuq bejn l-appellant u Cilia La Corte dwar dak li kellu jsir, meta, kif u minn fejn, sabiex Cilia La Corte jkun jista' jirtira l-pakkett in kwistjoni mingħajr ma jħallas id-dazju kollu li kien dovut mingħandu. Din l-evidenza ċirkostanzjali hija univoka fir-rigward tal-irwol li assuma l-appellant fl-ipproċessar tad-dokumentazzjoni li biha ġiet inserita wkoll il-kwalifika "intrinsic value" u l-inizzjali fuq in-"notice of arrival" li huma prattikament identiċi għal dawk li jidhru fid-dokument imqatta' a fol 70 li l-appellant ġie jidher qiegħed iqatta' u jarmi fid-dustbin. Din hija wkoll evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha f'dan il-każ li torbot lill-appellant mal-kommissjoni tar-reati li tagħhom ġie misjub ħati. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tasal għall-konklużjoni li dik il-firma li ġiet magħmula fuq id-dokumentazzjoni esebita f'paġna 118 ma kinitx ta' Vassallo iżda kienet iffalsifikata minn CAMILLERI, kif del resto kienet ukoll id-dikjarazzjoni tal-kontenut ta' dak il-pakkett biex Cilia La Corte li evenwalment inqabad qiegħed iġorr dak il-pakkett jibbenefika minn nuqqas ta' ħlas tad-dazju kollu dovut minnu.

56. L-imġieba tal-appellant trid tiddieħed fl-isfond tal-assjem tal-provi ammissibbli preżentati f'dan il-każ. Dik l-imġieba ma kienetx tagħmel sens jekk ma tittieħedx flimkien mal-kumplament tal-evidenza ammissibbli f'dan il-każ u li wkoll turi li dak il-pakk li tiegħu saret id-dikjarazzjoni falza mill-appellant fl-aħħar mill-aħħar spiċċa miġbur mill-Pulizija mingħand Norman Cilia La Corte. Dan kien minnu nnifsu juri li kien hemm ftehim preċedentement milħuq bejn l-appellant u r-riċevitur tal-pakkett bil-għan li jsir delitt f'Malta li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, iżda li mhux delitt taħt l-Att dwar l-Istampa. L-evidenza f'dan il-każ turi b'mod sikur li sura t'azzjoni kienet ġiet pjanata u miftehma bejn l-appellant u l-ko-imputat. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma wieħed jista' jasal jikkonkludi li l-azzjoni li deher jagħmel l-appellant kien frott ta' kumbinazzjoni iżjed milli l-frott ta' ftehim preċedenti bejn tnejn minn nies intiż li jibbenefika

wieħed minnhom jew lit-tnejn li huma. Verament li ma hemmx id-dettalji speċifiċi ta' dan il-ftehim fiex kienu jikkonsistu. Iżda mill-banda l-oħra l-ġurisprudenza ma teħtieġx prova ta' dettalji speċifiċi sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' tikkonkludi li f'każ partikolari kien hemm assoċjazzjoni biex jitwettaq delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Fl-aħħar mill-aħħar anke l-ġurisprudenza tammetti l-possibilita li ftehim bejn tnejn minn nies jiġi pruvat minn provi ċirkostanzjali jew dedott minn provi ċirkostanzjali. Għalkemm huwa veru li hemm ġurisprudenza li tisħaq li evidenza li jkun ġie mwettaq il-ftehim mhix ekwivalenti f'kull każ bħala evidenza li kien hemm ftehim preċedenti, mill-banda l-oħra ikun hemm każijiet fejn it-twettieq ta' ċerti fatti, minnhom infushom, ikunu juru li bilfors kien hemm ftehim bejn tnejn minn nies jew iżjed biex dawk l-istess fatti jkunu setgħu jiġi mwettqa minn dak il-lok, minn dawk il-persuni f'dak il-ħinijiet u modalitajiet speċifiċi li jkunu rriżultaw mill-provi. Għalkemm il-każ jista' jkun nieqes mid-dettalji speċifiċi ta' dak il-ftehim, mill-banda l-oħra l-eżistenza ta' dak il-ftehim jista' allura jiġi deżunt miċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament mill-mod kif il-fatti jkunu rriżultaw li żvolġew skont l-evidenza ammissibbli disponibbli.

57. F'dan il-każ allura l-provi juru li l-ftehim bejn l-appellant u Cilia La Corte mhux biss kien jeżisti, iżda wkoll li kellu l-finalita li bħala frott tiegħu, jitwetqu r-reati msemmija fil-ħames u s-sitt imputazzjonijiet – delitti li jġorru l-piena ta' priġunerija. Il-provi diretti u indiretti imsemmija iżjed il-fuq juru b'mod sikur – anke mingħajr ma ssir riferenza lejn l-istqarrija tal-appellant - li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reati kkontemplati fl-ewwel, fit-tielet, fil-ħames u fis-sitt imputazzjonijiet hekk miġjuba u għalhekk l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant mhux qiegħdin jiġu milqugħha.

## Ikkunsidrat

58. Illi in kwantu għall-aggravju tal-piena, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

59. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix

ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

60. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

61. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tikkunsidra li l-appellant f'dan l-aggravju tiegħu jilmenta mhux daqstant dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Liġi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iżda jattakka l-kwantum tal-piena imposta għaliex skont hu l-multa ta' sitt mitt Ewro (€600) kienet id-doppju ta' dak li l-Qorti setgħet timponi

meta tieħu tlett darbiet id-dazju u t-taxxa evaża minn CAMILLERI f'dan il-każ.

62. Il-multa hija parti mill-piena kontemplata mill-Liġi fl-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu u li fiż-żmien meta seħħ dan ir-reat kienet tgħid:

> jeħel, meta jinstab ħati, għal kull wieħed minn dawn ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, **iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt euro (€600)[13],** hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin, u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi.

63. Illi mit-test tal-Liġi kwindi jirriżulta li fil-kalkolu tal-multa li għandha tiġi mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti trid timxi ma' regoli stabbiliti hekk kif din il-multa tista' biss tkun jew tlett darbiet daqs il-valur ta' dazju li ma kienx ġie mħallas mill-ħati jew inkella ħames darbiet iktar l-ammont ta' dazju perikolat skont liema minn dawn ikun l-inqas. Biss, il-Liġi ma tieqafx hemm u tippreskrivi li tkun xi tkun il-modalita' użata mill-Qorti fil-komputazzjoni tal-multa, din il-multa **ma għandhiex tkun inqas** minn sitt mitt euro (€600). Għalhekk, meta fil-komputazzjoni tal-multa – espressa jew tlett darbiet daqs il-valur ta' dazju li ma kienx ġie mħallas mill-ħati jew inkella ħames darbiet iktar l-ammont ta' dazju perikolat - jirriżulta li l-ammont aħħari jkun inferjuri għall-sitt mitt euro (€600), **il-Qorti għandha bħala minimu timponi multa ta' sitt mitt euro (€600)**. Dan ifisser li minkejja li fil-komputazzjoni tagħha tkun waslet għall-piena ta' multa li tkun inferjuri għal sitt mitt euro (€600), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha idejha marbuta bil-Liġi li effettivament timponi tali multa sitt ta' mitt euro (€600) u mhux inqas. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet multa fil-parametri tal-Liġi u din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddisturba din id-deċiżjoni.

64. Ir-responsabilita' penali tal-appellant in kwantu ko-awtur ta' reat dwar l-importazzjoni ta' oġġetti dazjabbli, hija msejsa wkoll fuq il-ksur tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk għalhekk din il-Qorti tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni tal-Liġi

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

tikkontempla r-reati preskritti fl-Artikoli 60 u 62 tal-Kapitolu 37 bħala reati **wkoll** taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. U l-Liġi hawnhekk hija ċara in kwantu r-responsabilita' penali tal-ħati taħt il-Kapitolu 406 ma teskludix dik taħt il-Kapitolu 37 imma l-ksur tal-Kapitolu 37 fejn si tratta ta' reati bi ksur tal-Liġi dwar l-importazzjoni, jerġa jinqabad taħt l-imsemmi Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ikun għalhekk ifisser li l-ħati jsir sanzjonabbli kemm taħt l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta:

> 80.(1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, **mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija**[14], ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b'taħrika, bl-istess mod u għamla, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali.

65. B'hekk il-piena ta' multa ta' sitt mitt euro (€600) kienet piena fil-minimu preskritta biss ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk mhux biss kif ingħad iktar 'il fuq kienet tax-xorta li trid il-Liġi iżda lanqas ma kienet manifestament żbaljata jew sproporzjonata.

66. L-istess jista' jingħad għall-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal perjodu ta' erba' snin permezz tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad għaliex b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' sentejn ma kienetx il-massimu li setgħet tipprefiġġi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan għalkemm imbagħad tali terminu ssospendietu fil-massimu tiegħu ta' erba' snin.

67. Għalhekk, in linja mal-prinċipji esposti aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma tqis li għandha għalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lanqas f'dan is-sens.

[14] L-Enfasi ta' din il-Qorti.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju skont kif ingħad iżjed il-fuq, u tiddikjara li fid-dawl tal-iżviluppi li qegħdin iseħħu f'dan il-kamp, il-Qorti ma kellhiex tagħmel użu mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant meta din ġiet rilaxxjata fi żmien fejn l-appellant suspettat ma kellux il-possibilita li jkollu l-Avukat preżenti miegħu waqt l-interrogazzjoni; iżda stante li in bażi għall-assjem tal-provi l-oħra miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) din setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet l-oħra milħuqa minnha, allura fil-kontemp tiċħad il-kumplament tal-aggravji l-oħra mresqa mill-appellant u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**